

32002R0154

L 25/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.1.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 154/2002

tal-21 ta' Jannar 2002

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2358/71 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żerriegħa u li jstabilixxi l-ghajjnuna mogħtija lis-settur taż-żerriegħa għal marketing fl-2002/2003 u 2003/2004

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 ⁽⁴⁾ jipprovdi li l-ammont ta' l-ghajjnuna għandu jkun iffissat wara li tkun ikkunsidrata inter alia l-ħtieġa li jkun assigurat bilanċ bejn il-volum tal-produzzjoni meħtieġa fil-Komunità u l-ammont li jista' jkun promoss. Mill-ħsad ta' l-1994/1995, il-produzzjoni u l-esportazzjoni taż-żerriegħa żdiedu kostantament; barra minn hekk, il-ħażniet taż-żerriegħa fil-Komunità laħaq livell li x'aktarx jaffettwa l-bilanċ tas-suq taż-żerriegħa.
- (2) Huwa għalhekk ġustifikat li jkun introdott mekkaniżmu biex jistabilizza l-produzzjoni taż-żerriegħa għajr iż-żerriegħa tar-ross, li għaliha diġa' hemm mekkaniżmu. Il-mekkaniżmu li jstabilizza ż-żerriegħa għajr iż-żerriegħa tar-ross għandu jiffissa kwantità massima eliġibbli għall-ghajjnuna determinata fuq il-bażi tal-kwantità medja rappreżentattiva maħsuda matul perjodu riċenti ta' referenza u wkoll marġni biex jikkunsidraw il-varjanzi ċikliċi li huma karatteristika tal-produzzjoni taż-żerriegħa. Huwa wkoll meħtieġ li jinħolqu l-kondizzjonijiet li jippermettu l-iżvilupp jew il-priservazzjoni ta' setturi vijabbli ta' produzzjoni żgħar bil-garanzija tal-kwantità minima għall-Istati Membri fejn hemm ftit jew xejn produzzjoni ta' żerriegħa.
- (3) L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jirreferi għall-varjetajiet ta' Lolium perenne L. ta' persistenza għolja, tard jew ftit tard, varjetajiet ġodda jew oħra u varjetajiet ta' persistenza baxxa, ftit tard, ftit kmieni jew kmieni. Peress li l-prezzijiet għal dawk il-varjetajiet fuq is-suq estern m'għadhomx jiġġustifikaw dik id-distinzjoni, id-distinzjoni bejn it-tliet gruppi differenti tal-varjetajiet ta' Lolium perenne L. għandha għalhekk titneħħa u rata waħda ta' ghajjnuna tkun iffissata.

(4) Minħabba s-sitwazzjoni u l-prospett tas-suq tal-Komunità, il-produtturi mħumiex assigurati qligħ xieraq miż-żerriegħa mniżżla fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 li tkun promossa fis-snin ta' promozzjoni 2002/2003 u 2003/2004. Ghajjnuna għall-produzzjoni għandha tingħata għal dawk iż-żerriegħa.

(5) L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jipprovdi li meta l-ghajjnuna tkun iffissata, ikun ikkunsidrat, min-naħa waħda, il-bżonn li jkun assigurat bilanċ bejn il-produzzjoni fil-Komunità u postijiet għal din il-produzzjoni u, min-naħa l-oħra, tal-prezzijiet għal dawn il-prodotti fuq is-swieq esterni.

(6) L-applikazzjoni ta' dawn il-kriteri jirriżultaw fl-iffissar ta' l-ghajjnuna applikabbli għas-snin ta' promozzjoni 2002/2003 u 2003/2004 fuq il-livelli preżentati fl-Anness.

(7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu addottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tniżżel il-proċeduri għall-eserċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽⁵⁾.

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2358/71 huwa issa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3 (4a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4a. Il-kwantità massima taż-żerriegħa li fuqha l-ghajjnuna hija pagabbli lill-Komunità tkun iffissata skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 5. Dik il-kwantità titqassam bejn l-Istati Membri produtturi.

Il-kwantità massima taż-żerriegħa għajr iż-żerriegħa tar-ross li fuqha l-ghajjnuna hija pagabbli tkun daqs it-total tal-kwantitajiet relatati ma' kull Stat Membru li huma stabiliti fuq il-bażi tal-medja massima tal-kwantitajiet maħsuda li kienu kkunsidrati għal marketing bejn l-1996/1997 u l-2000/2001, b'żieda ta' 5 %.

⁽¹⁾ ĠU C 213 E, tal-31.7.2001, p. 249.

⁽²⁾ Opinjoni li twasslet fil-11 ta' Diċembru 2001 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU C 311, tas-7.11.2001, p. 30.

⁽⁴⁾ ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2371/2000 (ĠU L 275, tat-23.10.2000, p. 1).

⁽⁵⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Fejn il-kwantità stabilita għal Stat Membru skond it-tieni subparagrafu ma taqbiżx it-800 tunnellata metrika, kwantità addizzjonali ta' 300 tunnellata metrika tingħata lil dak l-Istat Membru.

Jekk, għaż-żerriegħa għajr iż-żerriegħa tar-ross, is-somma totali tal-kwantitajiet li għalihom kienet applikata għajjnuna fl-Istat Membru produttur teċċedi l-kwantità massima ffixsata għall-Komunità, l-għajjnuna titnaqqas fis-sena ta' marketing ta' wara f'kull Stat Membru konċernat fil-proporzjon tal-qbiż tal-kwantità nazzjonali tiegħu wara li jkunu kkunsidrati l-kwantitajiet mhux użati mill-Istati Membri. F'dan il-każ il-Kummissjoni tiffissa l-persentaġġi tat-tnaqqis applikabbli għal kull Stat Membru produttur.”;

2. L-Artikolu 10 għandu jitħassar.

3. L-Artikolu 11 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“L-Artikolu 11

1. Il-Kummissjoni tkun mgħejjuna mill-Kumitat ta' l-Amministrazzjoni Taż-Żerriegħa (minn issa 'l quddiem riferut bħala 'l-Kumitat’).

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jgħoddu.

Il-perjodu mniżżel fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ikun iffissat għal xahar.

3. Il-Kumitat jaddotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.”

Artikolu 2

Għas-snin ta' marketing 2002/2003 u 2003/2004, l-għajjnuna mogħtija lis-settur taż-żerriegħa kif hemm provdut fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 tkun iffissata fl-Anness li hawn meħmuż.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Jibda jgħodd mill-1 ta' Lulju 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot kollu kemm hu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Jannar 2002.

F'isem il-Kunsill

Il-President

M. ARIAS CAÑETE

L-ANNEX

IS-SNIN TA' MARKETING 2002/2003 U 2003/2004

Għajnuna applikabbli fil-Komunità

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Id-Deskrizzjoni	L-ammont ta' għajnuna	
		2002/2003	2003/2004
	1. CERES		
1001 90 10	Triticum spelta L.	14,37	14,37
1006 10 10	Oryza sativa L.		
	— Varjetajiet long-grain li l-qamħa tagħhom hija ta' tul li jaqbeż 6,0 millimetri u ta' ratio tul/wisa' ta' aktar minn jew daqs 3	17,27	17,27
	— Varjetajiet oħra li l-qamħa tagħhom hija ta' tulli jaqbeż, ma jaqbiżx jew daqs 6,0 millimetri u ta' ratio tul/wisa' ta' inqas minn 3	14,85	14,85
	2. OLEAGINEAE		
ex 1204 00 10	Linum usitatissimum L. (qanneb tal-fibra)	28,38	28,38
ex 1204 00 10	Linum usitatissimum L. (żerriegħa tal-kittien)	22,46	22,46
ex 1207 99 10	Cannabis sativa L. (varjetajiet b'kontenut ta' THC li ma jaqbiżx il-0,2 %)	20,53	20,53
	3. GRAMINEAE		
ex 1209 29 10	Agrostis canina L.	75,95	75,95
ex 1209 29 10	Agrostis gigantea Roth.	75,95	75,95
ex 1209 29 10	Agrostis stolonifera L.	75,95	75,95
ex 1209 29 10	Agrostis capillaris L.	75,95	75,95
ex 1209 29 80	Arrhenatherum elatius (L.) P. Beauv. ex J.S. u K.B. Presl.	67,14	67,14
ex 1209 29 10	Dactylis glomerata L.	52,77	52,77
ex 1209 23 80	Festuca arundinacea Schreb.	58,93	58,93
ex 1209 23 80	Festuca ovina L.	43,59	43,59
1209 23 11	Festuca pratensis Huds.	43,59	43,59
1209 23 15	Festuca rubra L.	36,83	36,83
ex 1209 29 80	Festulolium	32,36	32,36
1209 25 10	Lolium multiflorum Lam.	21,13	21,13
1209 25 90	Lolium perenne L.	30,99	30,99
ex 1209 29 80	Lolium x boucheanum Kunth	21,13	21,13
ex 1209 29 80	Phleum Bertolinii (DC)	50,96	50,96
1209 26 00	Phleum pratense L.	83,56	83,56
ex 1209 29 80	Poa nemoralis L.	38,88	38,88
1209 24 00	Poa pratensis L.	38,52	38,52
ex 1209 29 10	Poa palustris u Poa trivialis L.	38,88	38,88
	4. LEGUMINOSAE		
ex 1209 29 80	Hedysarum coronarium L.	36,47	36,47
ex 1209 29 80	Medicago lupulina L.	31,88	31,88
ex 1209 21 00	Medicago sativa L. (ekotipi)	22,10	22,10
ex 1209 21 00	Medicago sativa L. (varjetajiet)	36,59	36,59

Kodiċi tan-NM	Id-Deskrizzjoni	(EUR/100 kg)	
		L-ammont ta' ghajmuna	
		2002/2003	2003/2004
ex 1209 29 80	<i>Onobrichis viciifolia</i> Scop.	20,04	20,04
ex 0713 10 10	<i>Pisum sativum</i> L. (partim) (piżelli ħadra)	0	0
ex 1209 22 80	<i>Trifolium alexandrinum</i> L.	45,76	45,76
ex 1209 22 80	<i>Trifolium hybridum</i> L.	45,89	45,89
ex 1209 22 80	<i>Trifolium incarnatum</i> L.	45,76	45,76
1209 22 10	<i>Trifolium pratense</i> L.	53,49	53,49
ex 1209 22 80	<i>Trifolium repens</i> L.	75,11	75,11
ex 1209 22 80	<i>Trifolium repens</i> L. var. <i>Giganteum</i>	70,76	70,76
ex 1209 22 80	<i>Trifolium resupinatum</i> L.	45,76	45,76
ex 0713 50 10	<i>Vicia faba</i> L. (partim) (favetta)	0	0
ex 1209 29 10	<i>Vicia sativa</i> L.	30,67	30,67
ex 1209 29 10	<i>Vicia villosa</i> Roth	24,03	24,03